PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*
25 ta' April, 2021

# IL-ĦAJJA TAL-PELLEGRINAĠĠ

Bħalissa għadna għaddejjin bil-pandemija imma l-ħajja fil-familji u fil-knisja trid tkompli minkejja l-isfidi li għandna x'negħlbu.

Fit-28 t'April li ġej se niċċelebraw it-333 sena mit-twaqqif tal-parroċċa. Il-quddiesa ta' filgħaxija se tkun fis-6:00pm. Din tkun l-unika quddiesa ta' filgħaxija f'dan il-jum.

Avveniment sabiħ fid-djoċesi tagħna se jkun nhar il-Ġimgħa 30 t'April fis-6:00pm fejn se jkollna l-Ordinazzjoni Presbiterali tad-Djaknu Andrew Grima li huwa mill-parroċċa ta' San Lawrenz.

Mument sabiħ ieħor għall-komunità tagħna hija l-Magħmudija li se jkollna ta' persuna adulta li se ssir nhar il-Ħadd 23 ta' Mejju li ġej fil-quddiesa tal-9:45am. F'dan il-jum Dun Loreto Tabone se jgħammed lil Oxana, li Dun Loreto stess ħejja għad-dħul fil-Knisja għal dawn l-aħħar sentejn.

***L-Arċipriet***



**Nitolbu** għad-djakni r-Rev. Andrew Grima u l-Patri Etienne Gilson OFM Conv. li ser jiġu ordnati saċerdoti nhar il-Ġimgħa 30 ta' April fir-Rotunda tax-Xewkija, fis-6:00pm. Intom imħeġġin issegwu l-Ordinazzjoni minn fuq il-mezzi tax-xandir tad-Djoċesi jew fuq Xejk TV peress li l-postijiet se jkunu biss għal dawk li jkollhom l-invit.

Il-Ħamis 29 ta' April issir Velja ta' Talb fil-knisja Katidrali fit-8:00pm u wara jkun hemm lejl adorazzjoni mill-10:00pm sas-7:00am fil-Kappella tas-Seminarju. Hemm possibiltà li dak li jkun jattendi għal dawn il-mumenti ta' talb, li se jixxandru wkoll fuq il-YouTube u l-paġna ta' Facebook tad-Djoċesi. Nitolbu għalihom biex ħajjithom tkun għotja sħiħa għall-ġid tal-komunità Nisranija.

*Andrew għamel żmien jgħin fil-pastorali fin-Nadur. Kien jieħu ħsieb l-Abbatini u kien jaħdem ukoll mal-adolexxenti.*

## ROKNA EKOLOĠIKA: ID-DINJA TAL-FUTUR

Irid jiġi żmien meta l-programmi tat-tmexxija tal-pajjiżi tad-dinja jkun fihom bħala impenn ewlieni u prijoritarju dak tal-ħarsien tal-ambjent, tal-ekosistema u tal-kontroll tat-temperatura tad-dinja. Ta' warajna se jiġġudikawna minn kemm ħallejna sistema ta' għajxien sostenibbli għalihom.

## L-AVVIŻI TAL-PARROĊĊA:

1. Kappella tal-Madonna tal-Karmnu: qed jerġa' jsir il-quddies mit-Tnejn sas-Sibt fis-6:30am. Il-quddiesa tal-Ħadd tkun fis-6:15am
2. Prayer Room: tiftaħ kuljum mill-4:00pm sat-8:00pm
3. Il-knisja tal-Qalb ta' Ġesu: qed tiftaħ kuljum fil-ħinijiet normali.
4. Kappella tal-Ħniena Divina: il-quddies tal-ewwel ġimgħa tax-xahar fiċ-ċimiterju l-ġdid se jkun fil-5:00pm. L-ewwel quddiesa se tkun fis-7 ta' Mejju.
5. Adorazzjoni ta' nhar ta' Ħamis: qed issir kull ġimgħa fil-Bażilika wara t-tieni quddiesa ta' filgħaxija.

**QUDDIESA NHAR IL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM:** nhar is-Sibt 1 ta' Mejju, fil-kappella ta' Santa Tereża ta' Kalkutta fis-7:30am.

**IL-QASSATAT TAĊ-ĊENTRU:** iż-żgħażagħ bl-għajnuna tal-voluntiera ser jagħmlu fundraising tal-qassatat nhar is-Sibt 1 ta' Mejju bjen il-5:00pm u t-8:00pm, u l-Ħadd 2 ta' Mejju bejn id-9:00am u nofsinhar.

**IL-GRUPP TAN-NAR:** javża li fil-kumitat li twaqqaf fil-11 t'April li għadda jistgħu jidħlu membri ġodda biex jagħmlu parti minn dan il-grpp. Dawk li jixtiequ jsiru membri għandhom ikellmu lis-Sur Raymond Vella.

**SENA ĊENTINARJA - 26:** Il-Leġjun ta' Marija jisħaq li "huwa jinsab għad-dispożizzjoni tal-Isqof tad-Djoċesi u tal-kappillan għal kwalunkwe għamla ta' servizz soċjali u ħidma Kattolika li jidhrilhom xierqa u ta' siwi għall-ġid tal-Knisja."

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**SALA PARROKKJALI**: **Is-Sibt**: fil-5:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am